**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Xerri)**
**vs**
**Haruna Musa**

**Kumpilazzjoni 615/2019**

**Illum 11 ta' Ottubru 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Haruna Musa** detentur tal-karta ta' Refcom bin-numru 27732/19 billi huwa akkuzat talli:

Nhar l-għaxra (10) ta' Ottubru 2019 għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħodu (0630hrs) ġewwa Triq San Ġorġ, f'San Ġiljan:-

1. Ikkommetta serq, ta' mobile tal-għamla Nokia u għoxrin euro (€20.00) fi flus kontantigħad-dannu ta' Martina Debono, liema serq huwa ikkwalifikat bil-'vjolenza' u bil-'ħin';

Akkużat ukoll nhar l-għaxra (10) ta' Ottubru 2019 għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħodu (0730hrs) ġewwa l-vettura tal-Pulizija GVP806 waqt li kien qed jiġi skortat mill-Għassa ta' San Ġiljan f'San Ġiljan għal ġewwa l-Lock Up tal-Pulizija fil-Furjana:-

2. Inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna tal-kuntistabbli 744 Joseph Bajada u tal-kuntistabbli 1451 Roderick Cassar, persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jgħamlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tal-kuntistabbli 744 Joseph Bajada u tal-kuntistabbli 1451 Roderick Cassar f'periklu ċar, ikkaġunalhom ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tagħhom, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa;

4. Ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioe' PC 744 u PC 1451,

jew ma ħalliex jew fixkel waqt li kienu jgħamlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħllu fi dmir, billi ma ħalliex lill-kuntistabbli 744 Joseph Bajada u lill-kuntistabbli 1451 Roderick Cassar jgħamlu dak li b'liġi kienu ordnati jew setgħu jagħmlu, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li PC 744 u PC 1451 kienu għamlu skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun; Artikolu 338(ee) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Ħebb kontra il-kuntistabbli 744 Joseph Bajada u l-kuntistabbli 1451 Roderick Cassar sabiex jinġurjhom, idejjaqhom jew jagħmlilhom ħsara;

Kif ukoll talli nhar nhar l-għaxra (10) ta' Ottubru 2019 għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħodu (0730hrs) u is-siegħat ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer:-

6. F'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista jieħu ħsieb tiegħu nnifsu.

Il-Qorti giet mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tallum 11 ta' Ottubru 2019 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat Dr. Fransina Abela li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Saret trattazzjoni dwar il-piena.

Il-Qorti semghet is-sottomissjonijiet;

**Ikkunsidrat:**

Rat is-serjeta' tal-akkuzi migjuba kontra tieghu specjalment l-offiza ta' natura hafifa fil-konfront ta' zewg pulizija;

Il-pulizija ghandhom dritt bhal kull cittadin iehor Malti u barrani li jghix f'dan il-pajjiz li johrog mid-dar qawwi u shih u jidhol lura l-istess;

Il-Pulizija fil-qadi tad-dmirijiet taghhom ghandhom isibu l-appogg u l-protezzjoni ghaliex fl-ahhar mill-ahhar huma, huma li jridu jipprotegu lil dawk li jkunu f'dan il-pajjiz;

Il-Qorti kif esprimiet ruhha diversi drabi, ghandu jkun hemm *zero tollerance* fejn tidhol vjolenza fuq ufficcjali pubblici;

Il-Qorti qieghda tiehu in konsiderazzjoni illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu fi stadju bikri tal-proceduri;

Il-Qorti rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz ikun trattat b'mod sommarja;

Il-Qorti taghmilha cara li s-sokor mhux skuza ghall-ghemil kriminali tal-persuna;

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti wara li rat Artikoli: 95, 214, 215, 221(1), 261(a)(f), 262(1)(b), 270, 276, 276A, 277(a), 281(a), 338(ff) u 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fuq ammissjoni tieghu stess issib lill-imputat hati, tikkundannah **<u>sena prigunerija effettiva</u>** u tmien mitt (800) Ewro multa, liema multa jekk ma tithallas minnufih tkun konvertita fi prigunerija.

Stante li l-Ghana mhux wiehed mill-pajjizi illi hemm bzonn protezzjoni u mhux wiehed mill-pajjizi indikati li persuna tista' tinaghta status ta' refugjat u dan specifikatment kif jipprovdi l-Att tar-Refugjati, il-Qorti tordna li minnufih x'hin jiskonta s-sentenza u tithallas il-multa, l-Ufficjal Principali tal-Immagrazzjoni jibghat lura pajjizu lil Haruna Musa.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**